MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1636/2002

**Elmo Insurance Agency Limited bhala Rapprezentanti tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Antonia Muscat u l-istess Antonia Muscat**

**Vs**

**Charlot Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u tnejn u hamsin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm352.78) [Lm327.78 lis-socjeta Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm25 lill-attrici Antonia Muscat] minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' incident tat-traffiku li sehh fil-Marsa fit-12 ta' Lulju 2001 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura numru DAP 536 habat mal-vettura CAS 635 propjeta ta' Antonia Muscat u misjuqa minn Emanuel

Muscat, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, negligenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-risposta tal-kovnenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilt ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Fit-12 ta’ Lulju 2001 il-vettura Subaru J10 CAS 065 kienet misjuqa minn Emanuel Muscat. Jirrizulta li huwa waqaf peress li t-*traffic lights* kienu fuq l-ahmar. F’hin minnhom il-vettura Hyundai Excel misjuqa mill-konvenut u li kienet tinsab wara l-vettura Subaru J10, laqtet il-parti ta’ wara tal-vettura misjuqa minn Emanuel Muscat.

2. Il-kwistjoni li hemm bejn il-partijiet hija jekk saritx hsara fil-vettura Subaru J10. Il-konvenut xehed li bil-parti ta’ quddiem tal-vettura tieghu kien laqat biss it-*tow bar* li kellha l-vettura ta’ quddiemu u ma saret l-ebda hsara. L-istess qal fir-rigward tal-vettura misjuqa minnu. It-Tribunal ma jifhimx kif jekk kif ighid il-konvenut ma saret l-ebda hsara fil-vettura Subaru J10 CAS 065 il-kwistjoni ma waqqfitx hemm u l-konvenut spicca jaghti d-dettalji lis-sewwieq l-iehor inkluz l-isem tal-kumpannija li kienet tassigurah. Min-naha l-ohra jirrizulta li wara l-incident il-partijiet ma mlewx il-formola *“front to rear”*. Lanqas ma rrizulta r-raguni ghalfejn il-formola ma gietx mimlija. Huwa fl-interess ta’ min bhal Emanuel Muscat ikun involut f’dan it-tip ta’ incident li jara li timtela l-formola li fiha jkun hemm deskrizzjoni tal-hsara li tkun giet ikkagunata. Min-naha l-ohra l-fatt li ma ssirx din il-formola ma jfissirx li ttellef lid-danneggjat minn xi dritt tieghu li jitlob rizarciment tad-danni sofferti f’incident tat-traffiku.

Jissemma wkoll li mill-provi:

(a) Ma rrizultax li f'xi zmien qrib wara li sehh l-incident sar xi kuntatt bejn iz-zewg sewwieqa dwar it-tiswija tal-hsara allegata;

(b) Ma rrizultax li s-sewwieq tal-vettura Subaru J10 ghamel rapport mal-pulizija;

(c) Irrizulta li kien biss xhur wara li l-konvenut rega' semgha b'din il-kwistjoni;

(d) Jirrizulta li l-vettura Hyundai Excel ma sofritx danni u fuq liema vettura ma sar l-ebda survey mis-socjeta attrici;

3. Wara li t-Tribunal qies il-fatti kollha tal-kaz jemmen li bl-impatt xi hsara saret fil-vettura Subaru J10 bin-numru CAS 635, pero' din kienet wahda minima u fic-cirkostanzi s-somma ta' Lm352.78 hija wahda eccessiva. Ghalhekk it-Tribunal qieghed arbitro boni viri jiffissa s-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) bhala hlas dovut lill-atturi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) ghad-danni sofferti fl-incident tat-traffiku li sehh fit-12 ta' Lulju 2001 gewwa l-Marsa u ghal liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut.

L-ispejjez jibqghu minghajr taxxa.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------